DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP NESTOR/2/2013

tal-11 ta' Jannar 2013

dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' Stati terzi għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)

(2013/42/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") biex jieħu deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet għall-EUCAP NESTOR minn Stati terzi.

(2) Il-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili rrakkomanda li l-KPS jaċċetta l-kontribuzzjoniproposta min-Norveġja għall-EUCAP NESTOR u jqisha bħala sinifikanti,

(3) In-Norveġja għandha tkun eżenti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUCAP NESTOR.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontribuzzjonijiet ta' Stati Terzi

1. Il-kontribuzzjoni min-Norveġja lill-EUCAP NESTOR hija aċċettata u hija meqjusa bħala sinifikanti.

2. In-Norveġja hija eżenti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUCAP NESTOR.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2013.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

O. SKOOG

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.